MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-8 ta' Marzu, 2004

Avviz Numru. 300/1997/1

**Carmelo Mifsud**

**Vs**

**Gerolamo Bonavia**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat sabiex ihallas lill-istess attur id-danni likwidati minn din l-Onorabbli Qorti, liema danni l-konvenut ikkaguna fil-vettura G-0434 propjeta’ ta’ l-attur, meta nhar it-3 ta’ Mejju 1996 fl-Industrial Estate, Marsa dahal bil-vettura EBY-487 misjuqa mill-konvenut.

Dan l-incident gara unikment tort tal-konvenut.

Ghall-fini ta’ kompetenza d-danni jammontaw ghal tlett mitt liri Maltin. Bl-imghaxijiet u bl-ispejjez inkluza l-ittra ufficjali tal-14 ta‘ Novembru 1996. Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 4 tal-atti) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. Illi t-talbiet ta’ l-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt billi l-incident tat-traffikku mertu tal-kawza ma garax tort ta’ l-eccipjent, imma bi htija ta’ l-istess attur li ghamel sorpass minn fuq ix-xellug tal-vettura misjuqa mill-eccipjent (the blind side) u gibed b’mod inaspetttat ghal quddiem il-vettura ta’ l-eccipjent.

2. Salvi eccezzjonjiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi l-attur, kif risultanti mix-xhieda tieghu (fol 9, fol 25 u fol 63 tal-istess atti) jikkontendi illi, kif kien qed jsuq fit-triq fejn gara l-incident in esami, hu hass daqqa fuq in-naha ta’ wara tal-karrozza misjuqa minnu. Meta gara’ dan, l-istess karozza daret u hawnhekk kien ra xarabank gej ghal fuq u jolqtu fuq il-bieba fuq in-naha tieghu.

Illi, pero’, l-konvenut, kif jidher mill-‘affidavit’ sottomess minnu a fol 17 tal-atti, jsostni, li, waqt li hu kien qed jsuq ix-xarabank imsemmi, ‘….. il-vettura misjuqa minn Carmelo Mifsud giet minn warajja minn naha tax-xellug tieghi u, hin bla waqt, gibdet ghal quddiemi’. Minhabba din il-manuvra, hu ma setax jevita li jahbat mal-kaorzza misjuqa mill-attur. Fl-istess affidavit, hu jinsisti li l-karozza misjuqa mill-attur qatt ma kienet quddiemu u ‘gibdet ghal quddiemi frazjoni ta’ sekonda qabel saret il-habta….’ (ara ukoll dak li xehed Joseph Randich a fol 18 u fol 60 tal-istess atti li, fis-sustanza, kkonferma dak li xehed il-konvenut).

Illi, in atti jinsabu esebiti, kopja tar-rapport u tal-iskizz maghmulin minn PC 710 Joseph Mangion (ara fol 28, fol 48 u fol 52 sal fol 57). Dwar l-iskizz ta' minn isemmi li l-konvenut ma kienx qabel, ghal kollox, bih billi qal "…. l-hsara fil-'bus' tieghu kienet fix-xewka tax-xellug ta' quddiem u mhux kif murija fil-'Police Sketch' " fejn tidher li kienet fuq quddiem izda fuq il-lemin. Inoltre l-istess PC 710 Joseph Mangion spjega li hu ma setax jaghmel "…. Il-kejl kif suppost'….. minhabba t-traffiku u, ghall-istess raguni, ma kienx indika, fuq l-istess skizz, li fuq it-triq in kwistjoni, hemm 'lanes' waqt li sostna li l-hsara fuq ix-xarabank kienet fuq in-naha tal-lemin (ara fol 54 ibid). In rigward l-istess rapport, ghandu jigi notat li jidher minnu li l-konvenut ma kienx qal dak li xehed quddiem din il-Qorti izda kien stqarr, biss '…. Li huwa fl-ebda hin ma ra vettura G-0434 (dik misjuqa mill-attur) u waqaf wara li saret il-habta' (ara fol 54 ibid). Mill-istess dokument, jidher li l-attur kien stqarr fuq il-post tal-incident 'a caldo' dak li irrepeta quddiem l-istess Qorti, taht gurament (ara fol 54 ibid).

Ikkunsidrat

Illi, gew meqjusa l-provi kif hawn fuq esposti, u ghandu jigi notat li l-attur mill-bidu nett, sostna, dejjem, l-istess versjoni tal-fatti. L-istess ma jistax jinghad fil-konfront tal-konvenut, kif jidher minn dak li gie premess. Dan il-fatt jitfa dell ikrah fuq il-kredibilita' tax-xhieda tal-konvenut u tal-habib tieghu Joseph Randich. Ghalhekk, il-Qorti tinsab konvinta, fuq basi ta' probabilta, ili dak li xehed l-attur jirrispekkja dak li verament gara' f'dan il-kaz fis-sens li l-karozza tieghu intlaqtet fuq in-naha ta' wara, mix-xarabank misjuq mill-konvenut, li ma kienx qed jsuq bid-debita attenzjoni in konnessjoni ma dak li kien qed jigri madwaru u b'hekk ma indunax bil-karozza misjuqa mill-attur, li kienet quddiem.

Ikkunsidrat

Illi, dwar il-'quantum' ta' hsarat fil-karozza tal-attur 'in atti' jinsabu annessi, a fol 35 sa fol 37, il-kont u l-ircevuti

relattivi. Dawn 'in toto' jammontaw ghal Lm269.67,5, liema ammont, effettivament ma giex kontestat.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u:
1. tiddikjara lill-konvenut bhala unikament responsabbli ghall-incident in esami minhabba tort tal-istess konvenut.
2. tillikwida l-ammont ta' danni fis-somma ta' Lm269.67,5 u
3. tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attur is-somma ta' Lm269.67,5 bl-imghax legali mill-14 ta' Novembru 1996 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-ittra ufficjali tal-14 ta' Novembru 1996 kif ukoll Lm13 in konnessjoni ma servizzi legali kif jidher minn zewg ircevuti fiskali esebiti a fol 37 tal-atti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------